# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2884

**Kaz Numru 3602/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Anna Zawistowska (0153619A)**

**u**

**BML Group Ltd C-4836 u wara l-verbal datat 24.01.2018 ghandu jaqra BML Group Ltd C 34836**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata ngusta*

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Illum l-Erbgha 25 ta' Jannar, 2023**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellanti Anna Zawistowska fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar is-6 ta' Dicembru 2017, fejn sostniet li l-impjieg taghha kien gie terminat ghal ragunijiet mhux tajba u sufficjenti skond il-ligi. Is-Socjeta' Ntimata min-naha l-ohra sostniet li t-terminazzjoni mill-impieg saret ghal ragunijiet gusti u korretti a bazi ta' agir ta' natura gravi tal-Appellanti.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm tnax-il seduta (12) fejn sema' x-xhieda mressqa miz-zewg nahat, evalwa l-provi u d-dokumenti kollha kif esebiti, kif ukoll ha 'in konsiderazzjoni' l-argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stabbilit mil-ligi, minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

Irid jinghad ukoll li dan it-Tribunal kien intalab mis-Socjeta' Ntimata jaghti zewg decizjonijiet preliminari, fejn it-tieni decizjoni (18 t'April 2018) kienet giet appellata wkoll mis-Socjeta' Ntimata. Il-Qorti tal-Appell presjeduta

mill-Imh. Anthony Ellul nhar l-4 ta' Dicembru 2018 kien cahad dan l-appell u s-smiegh tal-kaz seta' jitkompla.

- **Rapprezentanza**

Anna Zawistowska li minn issa l-quddiem ser tissejjah l-Appellanti kellha l-assistenza ta' l-Avv. Andrew Borg Cardona u l-Avv. Roselyn Borg.

BML Group Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah s-Socjeta' Ntimata kienet irrapprezentata mill-Avv. Antonio Tufigno assistit mill-Avv. Ian Vella Galea.

**Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellanti kienet impjegata mas-Socjeta' Ntimata nhar it-2 ta' Frar 2016 u dan bhala *Senior Legal Counsel*.

L-impjieg taghha gie mitmum nhar it-8 t'Awwissu 2017 bhala mizura dixxiplinarja in seguito ta' nvestigazzjoni nterna li kienet saret bejn l-14 ta' Gunju u s-17 ta' Lulju 2017 u ta' *Disciplinary Meeting* li kien sar nhar il-31 ta' Lulju 2017.

Hija kienet giet infurmatha bit-terminazzjoni tal-impjieg taghha permezz ta' ittra datata 8 t'Awwissu 2017, iffirmata minn Taina Makkonen (*Chief HR Officer*).

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Abbey Rachel Cosgrave** bdiet ix-xhieda taghha billi spjegat li Betsson Group hija entita' kbira. Spjegat li Betsson AB hija bazata fl-Isvezja u ghandha, b'mod internazzjonali diversi kumpaniji operazzjonali, fejn f'Malta ghandha l-operazzjoni maggura. Hija stqarret li hija qatt ma kienet impjegata ta' BML Group, izda f'Ottubru 2014 kienet giet impjegata ma' Betsson Platform Solutions bhala *Legal Counsel*. Hija kompliet li wara r-rizenja tal-*General Counsel* li kien il-kap tal-*Legal Office* hija kienet inghatat l-inkarigu *ta'Acting General Counsel* taht kuntratt temporanju.
Ix-xhud kompliet li wara li fl-20 ta' Frar 2018 hija welldet tarbija, kienet dahlet lura ghax-xoghol wara sitt gimghat u sussegwentament kienet irrizenjat mill-impjieg taghha minn ma' Betsson Platform Solutions. Hija qalet li bhalissa hija Direttur ma' Betsson Group.
Ix-xhud qalet li r-relazzjoni lavorattiva taghha mall-Appellanti bdiet lejn Frar 2016 meta hija (x-xhud) kienet *Legal Counsel* u l-Appellanti kienet *Senior Legal Counsel.* Hija qalet li lejn Mejju 2016 kienet giet promossa ghall-grad ta' *Senior Legal Counsel* u f'Settembru nhatret *Acting General Counsel.* Ix-xhud kompliet

li kienet konxja li l-Appellanti ma kinitx kuntenta bil-mod kif kien gie strutturat ix-xoghol wara r-rizenja tal-*General Counsel*. Hija qalet li kien hemm drabi fejn il-*Head of Legal* li kien is-Superjur dirett tal-Appellanti kien ikellimha dwar dan. Hija kompliet li fis-7 ta' Gunju 2017 waqt li kienet imsiefra, kollega taghha Cecile Sculberk kienet infurmatha li l-Appellanti kienet qed tkun reklamata fuq *Gaming Website* li kienet ser tiehu sehem f'konferenza gewwa Amsterdam. Ix-xhud qalet li dan kien preokkupanti peress li f'dak iz-zmien minhabba ragunijiet kunfidenzjali zgur ma kinitx ser tapprova lil xi hadd u b'mod partikolari xi persuna b'kariga legali minn Betsson jippartecipa f'dak it-teritorju. Hija semmiet ukoll li l-Appellanti kienet riferuta f'din il-*website* bhala l-Betsson Group *Data Protection Officer*, kariga li hija (l-Appellanti) ma kellhiex. Hija tenniet li minnufih kitbet lill-organizzatur ta' dik il-konferenza sabiex b'mod immedjat inehhi l-*logo* ta' Betsson Group. Hija kompliet li l-ghada giet lura Malta minn Norvegja u nhar il-Gimgha 9 ta' Gunju kellha laqgha ma' l-Appellanti, fejn kien hemm prezenti wkoll Beatrice Svensson mill-*HR*. Hija qalet li meta kellmitha dwar is-suggett l-Appellanti qalet li kienu l-organizzaturi tal-konferenza li kienu ghamlu kuntatt maghha u li certa nformazzjoni setghu gabuha mill-Linkedin. Ix-xhud sostniet li tul il-laqgha l-Appellanti kienet evaziva. Matul din il-laqgha l-Appellanti kienet sostniet li Alex Farrugia kien qalilha li hija *Data Protection Officer*.
Ix-xhud kompliet li t-Tnejn ta' wara hija kellmet lic-*Chief Marketing Officer* fejn dan kien infurmaha li l-Appellanti kienet ippruvat iggib *budget* ghal din l-attivita' u dan filwaqt li kienet qaltilhom li Betsson Group ma kienux ser ikunu nvoluti fiha. Ix-xhud sostniet li l-Appellanti dan ghamlitu minghajr qatt ma tkellmet la maghha, la mas-Superjur dirett taghha, u l-anqas ma' xi hadd li kellu l-awtorita' li jaghtiha tali finanzjament.
Ix-xhud qalet li meta l-Appellanti tkellmet mac-*Chief Marketing Officer* dwar il-finanzjament hija (l-Appellanti) kienet qaltlu li l-partecipazzjoni kienet approvata. Hija tenniet li wara li dan qalilha li kellha titkellem ma' min kien taha l-approvazzjoni hija ma ghamlitx hekk. F'dan il-kuntest hija stqarret li ma kienx hemm *policy* ufficjali dwar kif tigi ttrattata l-partecipazzjoni meta xi mpjegat jigi mistieden ghal xi konferenza.
Ix-xhud kompliet li nhar it-12 ta' Gunju kienet kitbet lill-Appellanti fejn gharrfitha li kien hemm il-bzonn li l-operat taghha jkun aktar trasparenti sabiex certi affarijiet jigu kondotti ahjar. Ix-xhud qalet li l-Appellanti mill-ghada harget fuq *sick leave*.
Ix-xhud stqarret li l-agir tal-Appellanti bhal ixxokkjaha u tkellmet ma' l-*Internal Security* sabiex issir taf x'*e-mails* kienet baghtet l-Appellanti lill-organizzaturi tal-konferenza. Hija kompliet li minn dan l-istharrig hareg li dokumentazzjonijiet ta' portata kunfidenzjali gholja kienu ntbghatu mill-*E-mail* tax-xoghol ghall-*E-mail* personali tal-Appellanti.

F'dan il-kuntest hija spjegat li x-xoghol konness mad-doveri seta' jsir '*remotely but within the internal system*' minghajr il-htiega li tali dokumenti jintbaghtu x'imkien.

Ix-xhud kompliet li wara li l-Appellanti dahlet lura ghax-xoghol, hija tkellmet ma' avukati esterni dwar din is-sitwazzjoni u gie deciz li ssir investigazzjoni, fejn kellhom ikunu konfiskati l-*mobile* u l-*laptop* li kienet tuza l-Appellanti u li kienu propjeta' tal-kumpanija. Hija kompliet li kien gie deciz li jkun imwaqqaf l-access li l-Appellanti kellha sabiex ikun accertat li l-ebda evidenza ma tkun distrutta. Hija tenniet li dan kien mehtieg sabiex ikunu jafu ezattament x'hareg minn gewwa.
Ix-xhud qalet li meta l-Appellanti dahlet lura ghax-xoghol nhar l-14 ta' Gunju kienu tkellmu maghha hi u Beatrice Svenson. Huma staqsewha jekk kinitx baghtet xi dokumenti lill-*E-mail* personali taghha u filwaqt li fil-bidu cahdet li ghamlet dan wara qalet li setghet ghamlet dan izda ma kienux ta' natura kunfidenzjali. Hija kompliet li f'dan il-mument kienu nfurmawha li kienet ser tkun sospiza u li riedu jiehdulha l-apparat tal-kumpanija. Hija stqarret li f'dak il-mument hija rrifjutat li tirritorna l-apparat tal-kumpanija u hija (x-xhud) kellha ssejjah lill-membri tas-sigurta' sabiex ikun accertat li l-Appellanti ma titlaqx il-barra mill-*premises* bil-*laptop* u l-*mobile*, li kienu propjeta' tal-kumanija.
Ix-xhud tenniet li l-Appellanti nghatat il-fakulta' sabiex tkun akkumpanjata minn ufficcjal tas-sigurta' nterna sabiex jigu mnehhija xi *E-mails* personali li seta' kellha fuq il-*laptop* u peress li hija kienet tghix wahedha f'Malta offrewlha li jtuha *mobile* iehor a spejjez ta' Betsson. Hija qalet li meta waqt l-investigazzjoni talbu r-rejazzjoni taghha fuq certu affarijiet, l-affarijiet li qalet ma kienux jikkonbacaw mall-fatti miksuba. Ix-xhud stqarret li dan l-agir u cjoe' li dokumenti nterni bdew jigu mibghuta mill-Appellanti mix-xoghol lejn l-*E-mail* privat taghha, ma sehhx sakemm hi (x-xhud) kienet fil-kariga ta' *General Counsel* izda lejn l-ahhar ta' Marzu bidu t'April meta kien gie deciz li xi hadd iehor kien ser jidhol minn flokha.

**Dr. Olga Finkel,** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija tokkupa l-kariga ta' Direttur ma' BML Group Ltd. Ix-xhud qalet li hija giet involuta fil-kaz tal-Appellanti wara li kien gie ppreparat *Investigation Report* fejn hija kienet tkellmet ma' persuni nvoluti.
Hija kompliet li wara, kien gie deciz li l-Appellanti tispjega l-posizzjoni taghha, u wkoll ghaliex riedu jkunu jafu l-verzjoni taghha dwar ezattament x'gara.
Dr. Finkel qalet li hemm *policy* li tghid li '*nobody should send anything to the personal address*'.
Hija tenniet li ghall-finijiet ta' dak deskritt minnha bhala '*disciplinary meeting*' il-kumitat kien kompost minnha u minn Tina McConnigham li kienet *Head HR*.

Kompliet li waqt din il-laqgha kien hemm prezenti l-avukat tal-kumpanija Dr. Angele Attard Chetcuti u Dr. Roslyn Borg flimkien mall-Appellanti. Hija tenniet li kien sar qbil li l-process ikun rekordjat.

Hija qalet li din il-laqgha kienet pjuttost twila u fiha l-Appellanti kienet mitluba tispjega dwar l-*E-mails* li kienu ntbaghtu minnha mill-indirizz elettroniku tax-xoghol lill-indirizz elettroniku privat taghha u jekk tali nformazzjoni kinitx hija (l-Appellanti) tikkunsidrahom bhala kunfidenzjali. Dr. Finkel qalet li dettalji ta' dawn l-*Emails* kienu nghataw lill-Appellanti qabel din il-laqgha.
Dr. Finkel qalet li f'din il-laqgha l-Appellanti ma cahditx li hija kienet baghtet tali *E-mails* izda qalet li dan kienet taghmlu minhabba pressjoni ta' xoghol u sabiex wara li tispicca mill-ufficcju setghet tkompli bix-xoghol mid-dar u ghaliex ma setghetx igorr maghha l-*laptop* tax-xoghol ghaliex kellha problema ta' sahha f'darha.
Dr. Finkel stqarret li xi whud minn dawn l-*Emails* ma kienux jindikaw li fuqhom kelli jsir xi xoghol urgenti. Bhala ezempju Dr. Finkel irreferiet ghall-*Email* li kienet tirrigwardja partecipazzjoni f'xi attivita' u li meta tali *Email* l-Appellanti baghtitha lilha nnifisha fuq l-indirizz elettroniku privat taghha l-attivita' riferuta kienet diga' saret. Ix-xhud irreferiet ukoll ghall-*Emails* ohrajn fejn bhala raguni l-Appellanti qalet li kienet baghtithom ghaliex il-kontenut taghhom kienet tuzahom ghall-finijiet ta' studji taghha meta fl-ispjegazzjoni li kienet tat qalet li ghamlet hekk minhabba pressjoni ta' xoghol li kellha tkomplih mid-dar. F'dan l-ambitu Dr. Finkel iddeskriviet ir-ragunijiet moghtija mill-Appellanti bhala nkonsistenti.
Dr. Finkel qalet li fil-laqgha kien hemm diskussjoni pjuttost twila dwar is-sustanza tal-informazzjoni li l-Appellanti kienet tibghat. F'dan ir-rigward ta' kif l-Appellanti kienet tiddistingwi bejn x'kienet tqis bhala *not confidential/low sensitivity* u '*confidential/low sensitivity*'. Hija qalet li kienet sorpriza bit-tip ta' ragunar taghha meta jkun meqjus li l-Appellanti kienet avukatessa u kienet toppuka l-kariga ta' *Senior Legal Counsel*, b'mod partikolari meta l-Appellanti kienet stqarret li kieku l-informazzjoni kienet kunfidenzjali hija ma kinitx tibghata. F'dan l-istant ix-xhud irreferiet ghal rapport li kien intbaghat mill-Appellanti li kien jirrigwardja progett pjuttost kbir dwar kumpanija fil-preparazzjoni taghha ghall-*GDPR* fejn kien fih certu dettalji dwar nuqqasijiet li kellha l-kumpanija mill-aspetti ta' *legal compliance*. Hawnhekk ukoll ix-xhud esprimiet is-sorpriza taghha kif l-Appellanti bhala avukat ma kinitx qed tqies tali rapport bhala kunfidenzjali.
Ix-xhud tenniet li apparti li l-*policies* dwar il-materja ta' dawn in-nuqqasijiet min-naha tal-Apellanti kienu esposti l-hin kollu fuq l-*Intranet* tal-kumpanija, fil-kuntratt tax-xoghol taghha kellha klwasola li kienet tittratta din il-materja u cjoe' dwar li tintbaghat informazzjoni kunfidenzjali lejn indirizzi elettronici esterni.
Ix-xhud wara ghaddiet sabiex ikkonfermat l-awtenticita ta' diversi dokumenti esebiti bhal kuntratt tax-xoghol tal-Appellanti, *Investigation Report*, risposti

tal-Appellanti fuq rejazzjonijiet mitluba mill-*Management* lilha, *Charge Letters* mibghuta lill-Appellanti u komunikazzjoni li saret mall-avukat tal-Appellanti.

Ix-xhud qalet li tenut kont tad-diversi nkonsistenzi fir-ragunijiet li hija tat kemm fir-risposti bil-miktub u anke b'mod verbali waqt il-laqgha ta' dixxiplina, kemm hi u kemm Tina qiesu li l-ispjegazzjoni li hija (l-Appellanti) ghamlet kienet jew kagun li hija kienet inkompetenti jew li kellha motivi ulterjuri.
Dr. Finkel tenniet li fic-cirkostanzi ma tantx kien plawsibbli ghaliha li tikkonsidra li l-Appellanti kienet inkompetenti izda li ghamlet dak li ghamlet minhabba xi motivi ulterjuri.
Dr. Finkel stqarret li wara din il-laqgha hija u Tina ddecidew li l-Appellanti tkun imkeccija, fejn anke ppreparaw in-notifika tat-terminazzjoni u baghtuha lilha (lill-Appellanti).
Meta kontro-ezaminata, x-xhud stqarret li l-impjieg tal-Appellanti gie terminat ghaliex kien hemm ksur fil-proceduri li hemm fil-kuntratt tax-xoghol taghha. Hija qalet li l-irragunar li espremiet waqt ix-xhieda u l-fehma taghha tas-sitwazzjoni kienu dawk li wassluha ghall-konkluzjoni li l-impjieg tal-Appellanti kellu jintemm ghaliex kienet '*in breach of her contract*'.
Meta mistoqsija jekk il-ksur tal-proceduri kif deskritti kienux jikkostitwixxu ksur ta' kunfidenzjalita' u jekk iva kienx hemm evidenza, x-xhud tenniet li hija m' ghandha l-ebda nformazzjoni li l-Appellanti zvelat xi nformazzjoni li kien hemm fl-*Emails* li ntbaghtu minnha lilha stess.

**Dr. Angele Attard Chetcuti** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet li hija *External Legal Advisor* tal-kumpanija. Hija qalet li f'Gunju 2017 kienet giet ikkuntattjata minn Abbey Cosgrove fejn talbitha pariri dwar cirkostanzi li nibtu fir-rigward ta' l-Appellanti, u li kienu jinkwadraw xi *Emails* tax-xoghol (ta' Betsson) li l-Appellanti baghtet ghal fuq *Email* privat taghha. Hija rrakkontat kif Cosgrove kienet ittendiet dwar dan wara li xi granet qabel kienet tkellmet mall-Appellanti dwar partecipazzjoni taghha (tal-Appellanti) f'konferenza fl-Olanda u li hija ma kinitx inghatat permess tattendi.
Ix-xhud qalet li Cosgrove kienet qed tippjana li dwar l-affari tal-konferenza kienet ser tghaddi lill-Appellanti xi xorta ta' process dixxiplinarju. Hija kompliet li wara li skopriet l-affari tal-*Emails* Cosgrove ddecidiet li tghaddi *Charge Sheet* lill-Appellanti fid-dar taghha peress li kienet fuq *sick leave*, izda ma setghetx u fejn eventwalment tali *Charge Sheet* inghatatilha meta dahlet lura ghax-xoghol nhar it-13 ta' Gunju 2017. Ix-xhud spjegat li fic-*Charge Sheet* kienet tindika li potenzjalment seta' jkun hemm tkeccija mill-impjieg u li wkoll possibilment ikun hemm rapport lill-Pulizija minhabba l-fatt li l-att (tal-*Emails*) seta' jikkostitwixxi offiza kriminali taht il-Kodici Kriminali.
Ix-xhud kompliet li bejn il-15 u t-18 ta' Gunju meta l-appellanti giet sospiza mix-xoghol b'paga shiha, l-kumpanija kkonduciet investigazzjoni sabiex ikunu stabbiliti l-fatti.

Hija qalet li f'dan l-istant saret anke komunikazzjoni mall-konsulent legali tal-Appellanti Dr. Roslyn Borg Knight peress li Cosgrove riedet tiltaqa' mall-Appellanti sabiex din taghti spjegazzjoni fuq kull *Email* tax-xoghol li hija (l-Appellanti) baghtet lill-*Email* privat taghha. Ix-xhud tat deskrizzjoni dettaljata ta' xi *Emails* u r-risposti li tat l-Appellanti ghaliex dawn kienu ntbaghtu minnha lill-*Email* privat taghhha. Ix-xhud iddeskriviet li l-kontenut ta' dawn l-*Emails* kien jinkludi *highly sensitive and highly confidential information*.
Ix-xhud kompliet li wara kien gie kompilat *Investigation Report*. In seguito ta' dan, is-Socjeta' Ntimata nformat lill-Appellanti li kienet ser tghaddi smiegh dixxiplinarju. Ix-xhud spjegat li mall-*Investigation Report* kien hemm anness *The Acceptable Used Policy* li kien specifiku hafna fuq '*security of networks*'. Ix-xhud wara ghamlet referenza ghal dokumenti li jindikaw li l-Appellanti kienet konxja tal-*policies* u tal-*Code of Conduct* li kienu jridu jigu segwiti u li l-Appellanti kienet iffirmat li kienet konxja minnhom.
Ix-xhud kompliet li s-smiegh tal-kaz ipproceda minkejja li kienet saret *Warrant of Prohibitory Injunction* sabiex tali process jitwaqqaf. Ix-xhud qalet li hija kienet prezenti ghal dan is-smiegh fejn wara kienet infurmatha li l-impjieg tal-Appellanti kien gie terminat. Ix-xhud qalet li s-smiegh kien sar quddiem Bord kompost minn zewg impjegati li kienu Tina Maconan *HR Director* u Olga Finkel. Ix-xhud tenniet li z-zewg membri li hadu sehem fil-Bord ma hadux sehem fl-investigazzjoni.
**F'dan l-istant it-Tribunal staqsa jekk kienx qed jifhem sewwa li l-*HR Department* tramite persuna ha sehem fl-investigazzjoni u tramite persuna ohra li tappartjeni lill-istess dipartiment kien parti mill-Bord ta' Dixxiplina. Ir-risposta kienet li iva izda l-persuni kienu fi grad differenti.**

**Beatrice Svensson** bdiet ix-xhieda taghha billi qalet illi hija tokkupa l-kariga ta' *HR Director* izda meta sehh il-kaz ittrattat hija kienet *Sen.HR Manager*. Hija qalet li l-ewwel kuntatti ma' l-Appellanti bdew fi Frar 2017 fejn kellhom diskussjoni dwar xi lmenti li hija (l-Appellanti) kellha dwar il-*Manager* taghha. Kompliet li f'April l-*Manager* taghha kienet gibditilha l-attenzjoni dwar problemi li l-Appellanti kellha fil-prestazzjoni taghha. Ix-xhud qalet li kienu ddiskutew dawn l-affarijiet izda Abby Cosgrave f'dak iz-zmien ma riditx li l-kaz jitmexxa b'azzjonijiet formali. Hija riedet li l-Appellanti tinghata cans, filwaqt li attiratilha l-attenzjoni permezz ta' *Email* sabiex ittejjeb il-livell tax-xoghol taghha, izda min-naha taghha l-Appellanti rrispondietha l-ghada 11 t'April 2017, fejn gharrfitha li dak li qed titlobha ma kienx possibbli.
Ix-xhud kompliet li nhar is-6 ta' Gunju 2017, hi, l-Appellanti u l-*Manager* taghha ltaqghu fejn giet imfassla *Performance Improvement Plan* ibbazata fuq 5 punti li kienet tindika l-aspetti li kellhom jimmeljoraw. Ix-xhud qalet li dakinhar l-Appellanti nhargilha *written warning* minhabba nuqqasijiet fil-prestazzjoni taghha.

Hija kompliet li nhar it-8 ta' Gunju, l-Appellanti baghtitilha *Email* fejn ikkontestat kemm il-*PIP* u anke t-twissija bil-miktub fejn sostniet li ma kienux gusti.
Ix-xhud qalet li l-ghada hi u Cosgrave ltaqghu mall-Appellanti sabiex jiddiskutu kemm il-kontestazzjoni taghha tal-*PIP* u anke l-fatt li hija kienet sejra titkellem f'konferenza gewwa l-Olanda bhala *Data Protection Officer*, kariga li ma kinitx il-posizzjoni taghha fil-kumpanija.
Ix-xhud kompliet li l-andament tal-laqgha kien wiehed imqanqal, fejn espremiet is-sorpriza taghha li l-Appellanti bhala *Senior Legal Counsel* ma fehmitx is-severita tal-fatt li kienet qed tipprezenta ruhha bhala *DPO* f'isem il-kumpanija meta fil-fatt ma kinitx. Ix-xhud tenniet li fil-laqgha, l-Appellanti filwaqt li qalet li hija kienet qed tghin fit-trattazzjoni ta'*GDPR issues* mall-*Project Manager* tal-kumpanija, u li dan l-istess *PM* kien jirreferi ghaliha bhala li qed taghmel dik il-funzjoni ta' *DPO*, sostniet li f'dik il-konferenza ma kinitx ser titkellem f'isem Betsson.
Ix-xhud kompliet li wara l-laqgha Cosgrave riedet tistharreg jekk l-Appellanti wzatx hin u rizorsi tal-kumpanija in konnessjoni ma' din il-konferenza.
Hija qalet li wara l-laqgha tad-9 ta' Gunju l-Appellanti rrappurtat marida u fejn allura ma setghux jiltaqghu maghha.
Ix-xhud kompliet li nhar it-12 ta' Gunju, Cosgrave permezz tas-*Security Team* skopriet tramite l-*Emails* ta' l-Appellanti li l-Appellanti kienet baghtet korrispondenza kemm tal-kumpanija u anke personali lejn l-*Email* privat taghha (tal-Appellanti) fejn maghhom kien hemm annessi dokumenti voluminuzi. Hija tenniet li wara li ddiskutew is-sitwazzjoni nhar it-13 ta' Gunju ppruvaw permezz ta' *Courier* jghaddulha *Charge Sheet* ghaliex kienu qeghdin iqisu l-agir taghha bhala ksur serju tad-*data protection* tal-kumpanija, izda ma rnexxilhomx ghaliex hija ma kinitx id-dar. L-ghada 14 ta' Gunju kellhom laqgha maghha peress li kienet dahlet lura xoghol.
Ix-xhud kompliet li waqt li f'din il-laqgha hi u Cosgrave kellmuha dwar l-irwol taghha ta' *DPO* f'dik il-konferenza, Cosgrave staqsiet lill-Appellanti jekk kinitx baghtet xi *Emails* tax-xoghol ghal fuq l-*Email* privat taghha u hija (l-Appellanti) cahdet li ghamlet hekk. Ix-xhud kompliet li f'dak l-istant Cosgrave nfurmatha li huma kienu skoprew li hija ghamlet hekk u qaltilha li jekk probabbli tmur id-dar tivverifika, izda kompliet tichad.
Ix-xhud kompliet li dak il-hin Cosgrave pprezentatilha c-*Charge Sheet*, u filwaqt li nfurmatha li qed tkun sospiza bil-paga, kellha thalli l-affarijiet tal-kumpanija fl-ufficcju u gharrfitha li t-Tnejn ta' wara kellhom jergghu jiltaqghu maghha fejn qalulha li tista' ggib maghha xi avukat sabiex jiddiskutu aktar il-kaz.
Ix-xhud qalet li f'dak il-hin l-Appellanti griet barra mill-ufficcju ta' Cosgrove u hadet il-mobile u l-*laptop*, mentri Cosgrave qaltilha sabiex thalli kollox hemm ghaliex dawk kienu propjeta' tal-kumpanija.

Ix-xhud stqarret li meta l-Appellanti nsistiet li tiehu dawk l-affarijiet, Cosgrove talbitha (lix-xhud) sabiex issejjah lis-*Security*.
Ix-xhud qalet li wara li saru nvestigazzjonijiet, nhar il-31 ta' Gunju kien sar *Disciplinary Meeting* li kellu lil Tina Mackonnen *Chief HR Officer* bhala *Chairperson*, u fejn hija (x-xhud) hadet il-minuti izda ma haditx parti attiva fil-laqgha. Hija qalet li fil-laqgha kien hemm prezenti Angele, Olga Finkel, u fejn l-Appellanti kienet akkumpanjata mill-avukat taghha. Hija qalet li peress li l-partijiet qablu li jigi rekordjat dak kollu li jintqal f'din il-laqgha l-minuti li hija hadet ma ntuzawx.
Ix-xhud kompliet li l-impjieg tal-Appellanti gie mitmum nhar it-8 t'Awwissu 2017. Hija tenniet li f'Novembru 2017 hija kienet f'kuntatt mall-Appellanti sabiex tigbor xi affarijiet personali li kien ghad hemm fl-ufficcju taghha fejn qablu li kellha tigborhom nhar il-Hadd 12 ta' Novembru fejn anke dakinhar kien inqala' argument ghaliex riedet tiehu maghha dokumenti li kienu tal-kumpanija u fejn minhabba f'hekk kellhom jissejhu wkoll is-*Security*.
Ix-xhud qalet li l-proceduri ta' dixxiplina li gew adottati f'dan il-kaz kienu gew introdotti ftit xhur qabel skoppja dan il-kaz ghaliex qabel kienu jigu mplimentati proceduri anqas formali. Hija qalet li filwaqt li tali proceduri ma jifformawx parti mill-kuntratt tax-xoghol tal-impjegati, pero' sa mill-2017 dawn bdew jifformaw parti minn *temporary handbook* li jinsab *online* fuq l-*Internet* permezz ta' *link* mall-*HR System*. Hija qalet li kull impjegat jikkonferma b'mod elettroniku li accessaw dan il-*handbook*.

**Anna Zawistowska** l-Appellanti permezz ta' affidavit bdiet ix-xhieda taghha billi qalet illi hija kienet bdiet tahdem mas-Socjeta' Ntimata nhar it-2 ta' Frar 2016 u dan fil-kariga ta' *Senior Legal Counsel*. Hija qalet li mall-andament bdiet tinghata aktar responsabilitajiet fosthom li twettaq *Data Protection Project* ghal Betsson Group bhala preparazzjoni ghall-*GDPR Legislation*, progett li kienet iddiskutiet ma' Martin Thorvaldssonn u mall-*Head Project Management*. Hija stqarret li tispecjalizza fuq *Business & Technology Law*, u li fil-mument tghix fir-Renju Unit, peress illi wara li tkecciet minn ma' Betsson ma setghetx issib xoghol f'Malta wara diversi xhur. F'Londra hija tahdem fil-qasam tal-propjeta', fejn ilha ghal 8 xhur tahdem fih.
Ix-xhud kompliet li lejn l-ahhar tal-2016 Martin Thorvaldsson li kien *Group General Counsel* kien irrizenja mill-posizzjoni tieghu ma' Betsson u wahda mill-kollegi taghha Abby Cosgrave kienet appuntatha fil-kariga bhala *Interim GGC* sakemm jimtela' l-post.
Ix-xhud stqarret li Ms. Cosgrave kienet tibbulijaha sa mill-bidu tal-impjieg taghha, fejn kienet kontinwament taqbad maghha u tikkritikaha, u taghmel cajtiet mhux xierqa fuqha u dan quddiem kollegi taghha. Hija tenniet li Thorvaldsson diversi drabi skuza ruhu maghha ghan-nom ta' Cosgrave u kien qalilha li hija (Cosgrave) kienet thossha mhedda bl-ingagg taghha (tal-Appellanti) bhala *Senior Lawyer*. Hija qalet li l-atteggjament ta' Cosgrave lejha tjieb maz-zmien.

Ix-xhud qalet li mall-hatra ta' Cosgrave fil-kariga ta' *GCC* hija kienet inkwetata, izda kienet ferhitilha u stqarret li riedet taghmel l-almu taghha sabiex tissapportjaha fir-rwol gdida taghha. Ix-xhud qalet li waqt attivita' tal-Milied f'Dicembru 2016, Cosgrave kienet kellmitha fejn skuzat ruhu ghall-mod kif kienet iggib ruhha maghha u stqarret li hija kienet bdiet tghir ghaliha malli saret taf li hija (l-Appellanti) inizjalment kellha salarju d-doppju taghha.
Hija qalet li b'rizultat ta' dan ix-xoghol li hija ghamlet fuq id-*DP Project* f'Jannar 2017 inhatret bhala *Group Data Protection Officer*. Dan kien sar waqt *Steering Committee Meeting* li fih kien hemm prezenti bosta mis-*C Level representatives* u *Project Manager*. Hija kompliet li minkeja li bhala gerarkija manigerjali Ms. App Assaru kienet tidher fuqha, fuq materji ta' *Data Protection* hija kienet tirrapporta lil Ms. Cosgrave.
Ix-xhud kompliet li meta fi Frar 2017, Cosgrave nhatret *GGC* l-atteggjament taghha lejha rega' nbidel drastikament u regghet bdiet tibbulijaha b'aktar intensita' issa minn posizzjoni aktar b'sahhita. Hija kompliet li f'medda ta' ftit xhur nehhitha minn fuq il-progetti nteressanti, nkluz mir-rapprezentanza ta' Betsson f'assocjazzjonijiet bhal EGBA, u hassritilha l-korsijiet ta' tahrig u attendenza f'konferenzi.
Ix-xhud kompliet li fi Frar 2017 talbet sabiex tiltaqa' ma' l-*HR Manager* gdida Beatrice Svensson. Hija qalet li matul din il-laqgha spjegat is-sitwazzjoni lil Svensson fejn gharrfitha li hija ilha tigi bbullijatha minn Cosgrave ghal zmien twil. Hija stqarret li meta talbet lil Svensson ghal ghajnuna u parir, din wegbitha li ma tantx setghet tghinnha fic-cirkostanzi u li '*…if I didn't agree with my manager*
*I should probably leave the company*'.
Ix-xhud stqarret li ma' l-andament taz-zmien kienet xi haga evidenti li l-abbuzi ta' Cosgrave lejha kienu effettivament immirati sabiex iwassluha titlaq mill-kumpanija.
Ix-xhud qalet li f'dak iz-zmien hija kienet ingiebet konxja b'deterjorament f'dahra fejn kellha tiehu fizjoterapija u trattamenti medici ohra. Hija qalet li l-i*stress* tax-xoghol u l-ibbulijar kontinwu kienu effettwawha kemm fizikament u mentalment u inibewha milli tfittex xoghol gdid.
Hija sostniet li din il-kundizzjoni f'dahra kienet ir-raguni ghaliex hija ma kinitx tiehu l-*laptop* tax-xoghol id-dar ghaliex dan kien kbir u tqil biex iggorru. Hija kompliet li propju kien ghalhekk li meta kien ikollha bzonn tkompli xi xoghol mid-dar hija kienet tittrasferixxi x-xoghol fuq l-*email* personali taghha sabiex tkompli x-xoghol mid-dar.
Hija qalet li f'Gunju 2017 Cosgrave ntensifikat l-isforzi taghha sabiex tehles minnha u bl-ghajnuna tal-*HR* inhargulha zewg *warnings* fl-istess gimgha u cjoe' fis-6 u 12 ta' Gunju.

Dwar l-ewwel *warning*, ix-xhud qalet li hija qatt ma kienu kellmuha qabel inhareg il-*warning* u li dwaru nhar id-9 ta' Gunju kienet iltaqghet ma' Cosgrave u Svensson, fejn b'rizultat t'hekk fehmu li kellha *workload* kbira tant li f'Lulju 2017 id-doveri ta' *DPO* nghataw lil haddiehor fuq bazi *full-time*.
Hija sahqet li minkejja li tali *warning* kien iffirmat minn App Assaru warajh kien hemm Cosgrave li bhala *Interim General Counsel* kellha kariga oghla minn ta' Assaru.
Hija kompliet li fit-12 ta' Gunju nhargilha *warning* iehor, li kien jirrelata ma' partecipazzjoni taghha f'konferenza gewwa Amsterdam. Hija kompliet li l-akkuza kienet li hija ma talbitx permess sabiex tippartecipa f'din il-konferenza. Ix-xhud spjegat li hija kienet giet ikkuntattjata mill-organizzaturi ta' din il-konferenza sabiex titkellem dwar *General Data Protection Regulation* li kienet ser tiddahhal fil-qrib. Hija spjegat li tali konferenza kienet ser issir waqt li hija kienet ser tkun bil-*leave* u li kienet tkellmet dwar il-partecipazzjoni taghha mall-*Marketing Dept* ta' Betsson inkluz *CMO* Marion Gamel, fejn il-partecipazzjoni taghha kienet apprezzata ghaliex kienet ser taghti *extra exposure* lill-kumpanija. Hija tenniet li l-partecipazzjoni f'din l-attivita' kienet fuq bazi personali u mhux bhala rapprezentanta ta' Betsson. Hija sostniet li fil-fehma taghha permess sabiex tippartecipa f'tali attivita' ma kienx mehtieg.
Ix-xhud qalet li Cosgrave minn wara dahra kkuntattjat lill-organizzaturi fejn permezz ta' ittra offensiva talbet sabiex inehhuha (lix-xhud) mil-lista tal-kelliema, u talbithom izommu l-ittra kunfidenzjali u ma jghidux lilha (lix-xhud) dwar l-azzjoni taghha sabiex jirtirawha minn kelliema. Ix-xhud qalet li wara li kienet ingiebet konxja dwar dan mill-organizzaturi, hija mmedjatament ghamlet kuntatt ma' Cosgrave dwar dan izda hija (Cosgrave) qatt ma rrispondietha.
Ix-xhud sostniet li fl-ittra defamatorja ta' Cosgrave lill-organizzaturi hija (Cosgrave) rreferiet ghaliha bhala '*that individual'*, bhal li kieku kienet xi terzi u ma tahdimx ma' Betsson, u skreditat il-kompetenzi u r-reputazzjoni taghha bhala avukat. Hija sostniet li tali ittra rvinat ir-reputazzjoni taghha fil-*Gaming Industry* u ddeprivatha minn opportunitajiet futuri bhala kelliema ghaliex *'….the Gaming Industry is small where everyone knows everyone…'*.
Hija qalet li bhala risposta taghha ghal dan il-*warning* hija sostniet li hija ma kisret l-ebda *company rules* u ma kinitx obbligata li tinforma jew tikseb approvazzjoni dwar is-sehem taghha f'attivitajiet bhala kelliema, u dan meta tali konferenza kienet ser issir waqt li hija kienet ser tkun waqt btala skedata.
Ix-xhud kompliet li dan l-incident '*was a breaking point for me*' fejn iddecidiet li taghmel '*a formal grievance'*, fejn talbet li l-*HR* jaghtiha *HR Policies* fejn jirrigwardjaw *Grievance Procedures* u *Harassment at Work*.
Hija qalet li qatt ma rceviet risposta dwar dan min-naha tal-*HR*, izda minflok nhar l-14 ta' Gunju 2017 irceviet *warning* iehor u sfat sospiza mill-ghada. Hija kienet qed tigi akkuzata li kisret '*security rules'* meta baghtet ftit *Emails* tax-xoghol lill-*Private Email Address* taghha.

Hija qalet li dakinhar malli dahlet ghax-xoghol, minghajr pre-avviz, intalbet tiltaqa ma' Cosgrave u Svensson fejn bdew jistaqsuha dwar *Emails* li hija baghtet lejn l-*Email* personali taghha. Hija qalet li giet imgeghla titlaq mill-ufficcju b'mod immedjat minghajr ma nghatat il-possibilita' tispjega dwar dawn l-*Emails*. Hija sostniet li c-*Charge Sheet* moghtija lilha kienet datata gurnata qabel, fejn tindika li kienet ser tinghatalha mmaterjalment x'kien ser ikun diskuss u x'seta jirrizulta mil-laqgha li huma (Cosgrave u Svensson) talbu li ssir dakinhar.
Hija li filwaqt li talbet spjegazzjoni dwar dak li kien qed isehh talbet ukoll sabiex tinghata cans tigbor l-affarijiet personali taghha mill-ufficcju u xi dokumenti personali minn fuq il-*laptop*, izda Cosgrave oggezzjonat u nsistiet li titlaq b'mod immedjat. Bil-ghan li l-affarijiet ikunu rizolti, x-xhud qalet li talbet sabiex iccempel lill-avukat taghha sabiex ikun iccarat id-dritt taghha li tigbor l-affarijiet personali, izda Cosgrave rrifjutat u bdiet fizikament timbuttaha u bil-herra gibdet minn idejha l-*laptop* u dan quddiem il-kollegi. Ix-xhud kompliet li f'dak il-hin Cosgrave sejjhet Ufficcjal tas-Sigurta' sabiex '..johrogni barra mill-binja qisni kont xi kriminal…'.
Hija qalet li dan l-episodju kompla kissrilha r-reputazzjoni taghha ghaliex l-incident ikkreja diversi diceriji li malajr inferxu madwar Malta u fis-*Social Media*.
Ix-xhud qalet li wara li rnexxielha tidhol fl-ufficcju, ghamlet kuntatt mall-avukat taghha fejn din min-naha taghha cemplet lil Cosgrave. In segwitu ta' dan il-kuntatt, l-Appellanti thalliet tigbor l-affarijiet personali, izda meta waslet id-dar irrejalizzat li parti mid-data peronali taghha ma tawilhiex. Hija qalet li nsterqulha oggetti personali bhal *GPS System* tal-vettura taghha nkluz il-*monitor*.
Ix-xhud kompliet li wara li sfat sospiza mix-xoghol, saret investigazzjoni minn Cosgrave li rrizultat fi hrug ta' rapport nhar it-18 ta' Lulju 2017.
F'dan ir-rapport, l-Appellanti identifikat li kien hemm 25 *Email* li kienu ntbaghtu ghall-*Email* personali taghha, 7 minn dawn l-*Emails* kienu taghha personali, 7 ohra kienu korrispondenza taghha mall-EGBA li taghha l-Appellanti kienet Membru, u l-11 l-ohra kienu nterni konnessi max-xoghol bhal tahrig intern, kuntratti nterni, etc.
Ix-xhud qalet li l-ebda *Email* ma kienet immarkata bhala kunfidenzjali u l-ebda wahda ma kienet tinkludi xi nformazzjoni sensittiva li komunament hija klassifikata bhala kunfidenzjali, bhal informazzjoni fuq klijenti, nformazzjoni finanzjarja, jew xi sigriet tal-kumpanija.
Ix-xhud qalet li l-mod kif ittrasferiet dawn l-*Emails* huma prova li hija ma kellha l-ebda ntenzjoni hazina, izda ghamlet hekk sabiex setghet tkompli x-xoghol mid-dar. Hija kompliet li kieku kellha xi ntenzjoni hazina ma kinitx tittrasferihom via *Email*, izda kienet tipprintjahom.

Hija kompliet li wara l-hrug ta' dan ir-rapport, nhar il-31 ta' Lulju 2017 gie kondott *Disciplinary Hearing*. Hija qalet li fil-bidu l-Appellanti ma kinitx thalliet

tkun assisstita, u kien biss wara li hija ghamlet Mandat ta' Inibizzjoni li thalliet tkun assisstita.

Ix-xhud qalet li dan id-*Disciplianary Hearing* kien biss formalita' ghaliex id-decizjoni li titkecca kienet diga' ttiehdet, hija stqarret li matul dan is-smiegh Dr. Olga Finkel kienet kontinwament tirrepeti li hija (l-Appellanti) kisret il-kunfidenzjalita. Hija qalet li t-terminazzjoni tal-impjieg taghha kienet b'sehh mit-8 t'Awwissu 2017.

Ix-xhud qalet li l-ahhar xhur tal-impjieg taghha mas-Socjeta' Ntimata kienu stressanti, fejn qabditha ansjeta' u depressjoni tant li kienet taht kura medika u psikologika ghall-perjodu twil.

Ix-xhud sostniet li t-tkeccija taghha kellha effetti negattivi fuq il-karriera professjonali taghha u fuq hajjitha personali. Hija tenniet li minhabba l-ghidut imxerrda minn Cosgrave u l-*HR Manager*, ma setghetx issib impjieg gdid fil-qasam tal-*Gaming* la f'Malta u l-anqas madwar id-Dinja, dan ghaliex wara kull intervista li kienet taghmel ma kienx ikollha rizultat mixtieq wara li kien isir kuntatt min-naha tal-*Employers* godda mas-Socjeta' Ntimata.

Hija stqarret li f'certu kazi l-*Employment Agents* kienu jgharrfuha li ma accetawiehx fl-impjieg minhabba l-ghidut li r-relazzjoni taghha ma' Betsson kient intemmet b'mod negattiv u li sfat imkeccija ghaliex serqet '*valuable data*' minghand Betsson.

Hija qalet li wara xhur tfittex xoghol f'Malta minghajr success kellha ssiefer fejn dan ikkagunalha spejjez mhux zghar. Hija qalet li sa llum ma rnexxilhiex issib xoghol fil-*Gaming Industry* u fejn allura jidher li s-Socjeta' Ntimata kissritilha l-karriera ghal dejjem.

Ix-xhud wara ghaddiet ghal spjegazzjoni dettaljata hafna dwar il-fehmiet taghha fuq diversi dokumenti kif prezentati mis-Socjeta' Ntimata, bhal fejn l-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tirreferi ghall-ksur tal-*Code of Conduct, Acceptable User Policy, Information Security Policy,*

Meta rreferiet ghax-xhieda ta' Olga Finkel, ix-xhud qalet li hija (Finkel) semmiet li l-Appellanti sfat imkeccija '*because it was likely I* (l-Appellanti) *had malicious intentions and ulterior motives when sending the Emails to my personal Email account*', sahqet li din kienet opinjoni suggettiva u mhux xierqa u li ma kinitx korraborata b'xi evidenza, fejn l-anqas ma semmiet x'kienu l-mottivi ulterjuri li fil-fehma taghha kellha l-Appellanti.

Ix-xhud wara, rreferiet ghax-xhieda ta' Svensson, fejn xehdet li kienu ntroducew process formali ta' dixxiplina ftit xhur qabel l-incident ittrattat.

Hija qalet li meta t-Tribunal talab ghall-*Employees Handbook*, dwar dan illi rrizulta li ma kienx jezisti minkejja li fix-xhieda taghha qalet li dan jinsab '*available online for employees'*.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Avv. Ian Vella Galea** ghan-nom tas-Socjeta' Ntimata beda t-trattazzjoni tieghu billi qal illi l-Appellanti kellha l-impjieg taghha mitmum minhabba l-fatt illi waqt l-impjieg taghha baghtet diversi *Emails* tax-xoghol taghha lill-*Email* personali taghha. Huwa tenna li hija mhux biss ikkonfermat li ghamlet hekk izda anke tat spjegazzjoni ta' x'intbaghat u ghalxiex.
L-Avv. Vella Galea sostna illi l-mument li nformazzjoni li hija kunfidenzjali di natura, harget barra mill-kumpanija u marret banda ohra il-kumpanija tilfet il-kontroll ta' dik id-data. Huwa sahaq li f'dak il-mument 'illi jiena nitlef il-kontroll jiena ma nistax ikolli fiducja f'persuna li zvestietni mill-pussess ta' dik l-informazzjoni tant importanti u tant kunfidenzjali ghalija, ghalhekk saret it-tkeccija'.
L-Avv. Vella Galea qal illi l-kuntratt tal-impjieg tal-Appellanti huwa car illi *'all information is confidential'* u dan l-Appellanti kienet tafu.
Huwa sostna li kien gust illi s-socjeta' ntimata tterminat l-impjieg tal-Appellanti ghaliex 'ma' nistghux nippretendu illi minn persuna bis-salarju li kellha, li ma kienx wiehed zghir u l-posizzjoni li kellha ta' Avukat li tispecjalizza fid-*data protection* igifieri li suppost tkun it-tarka li tiddefendi l-kunfidenzjalita' kienet hi li kisret il-kunfidenzjalita'.
L-Avv. Vella Galea nsista li r-ragunijiet illi l-Appellanti tat ghaliex ghamlet li ghamlet m'humiex gustifikabbli.

**Avv. Roselyn Borg** ghan-nom tal-Appellanti bdiet l-argumenti taghha billi stqarret illi dan huwa kaz fejn il-kumpanija riedet tkecci lill-Appellanti.
Hija spjegat illi kif Ms. Abbey Cosgrave giet appuntata *Manager*, f'daqqa wahda fil-konfront tal-Appellanti johorgu zewg *warnings* fi spazju ta' gimgha, fis-6/13 ta' Gunju.
L-Avv. Borg spjegat is-sitwazzjoni tas-smiegh ta' dixxiplina fejn qalet li biex l-Appellanti setghet ikollha assistenza minn avukat '... kellna mmorru wkoll biex naghmlu mandat ta' Inibizzjoni.
Hija kompliet li meta l-Appellanti ghamlet *complaint* fuq *bullying* il-kumpanija lanqas biss hadet *into account* din l-allegazzjoni anzi ghagglu biex jaraw fuq xhiex ha jsibu biex ikeccuha. L-Avv. Borg irreferiet ghal dak li ghamlet Abby Cosgrave meta baghtet korrispondenza lill-organizzaturi tal-konferenza fejn ippruvat thammeg ir-reputazzjoni tal-Appellanti.
L-Avv. Borg sostniet li dan kien kaz fejn l-Appellanti ammettiet li hija baghtet *Emails* tax-xoghol lilha stess lejn l-*Email* personali taghha. Hija qalet li ma kien hemm l-ebda prova li dawn waslu ghand terzi, u sostniet li l-kumpanija setghu jghidu lill-Appellanti tergax taghmel hekk, izda minflok ghazlu li jkeccuha.
L-Avv. Borg sahqet li l-passi dixxiplinarji li ttiehdu fil-konfront tal-Appellanti fejn inghata l-ewwel *warning*, inghata t-tieni *warning* imbghad instabet il-bicca

tal-kunfidenzjalita', wara saret procedura ta' dixxiplina xejn gusta '...mela issa nistghu nkeccu'.

- **Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Dan it-Tribunal fela bir-reqqa dovuta dak kollu li hareg waqt dan il-process u dan sabiex ikun stabbilit jekk it-terminazzjoni tal-impjieg li kienet effettiva mit-8 t'Awwissu 2017, kinitx wahda gusta u sufficjenti fil-konfront tal-akkuzi li l-Appellanti kienet baghtet *E-mails* mill-kompjuter tax-xoghol ghal fuq l-*Email* personali taghha.

It-Tribunal jaghraf a priori li l-Appellanti ammettiet li hija kienet baghtet lilha nnifisha tali *Emails* ghal fuq l-*Email* personali taghha u fid-dawl ta' dan, il-kompitu ta' dan it-Tribunal kien li jiffoka fuq zewg binarji u cjoe' l-ewwel biex janalizza jekk il-procedura li wasslet ghal tali terminazzjoni ta' l-impjieg tal-Appellanti, kinitx wahda li tiggarantixxi trasparenza u gustizzja, u t-tieni jekk tramite din il-procedura, d-decizjoni li jintemm l-impjieg kinitx wahda gusta u sufficjenti.

Fl-inkwadratura ta' dan, dan it-Tribunal xtarr sewwa kull dettall li hareg waqt dan il-process inkluz tax-xhieda kollha moghtija. Dan it-Tribunal b'mod partikolari jislet dawn il-punti :

- Fi Frar 2017 l-Appellanti talbet sabiex tiltaqa' ma' l-*HR Manager* Beatrice Svensson, fejn gharrfitha li hija ilha tigi bbullijata minn Abbey Cosgrave ghal zmien twil. Hija stqarret li meta talbet lill-*HR Manager* ghal ghajnuna u parir, din wegbitha li ma tantx setghet tghinnha fic-cirkostanzi u li '…*if I didn't agree with my manager, I should probably leave the company*'.
- Fi spazju ta' gimgha, l-Appellanti nghatat zewg *written warnings* u cjoe' fis-6 u 12 ta' Gunju 2017. Qabel il-hrug ta' dawn iz-zewg *written warnings* ma jirrizultax li qatt qabel kien hemm xi mizura dixxiplinarja fil-konfront tal-Appellanti.
- Immedjatament wara l-hrug tar-*written warning* tat-12 ta' Gunju 2017, l-Appellanti ddecidiet li taghmel '*a formal grievance'*, fejn talbet li l-*HR* jaghtiha *HR Policies* fejn jirrigwardjaw *Grievance Procedures* u *Harassment at Work.*
- Fit-13 ta' Gunju 2017 l-Appellanti nhargitilha *Charge Sheet* li kien qed jinformaha b'allegazzjoni ta' *Gross Misconduct*. F'din il-korrispondenza l-Appellanti kienet mgharrfa li 7 ijiem wara (fid-19 ta' Gunju), kellha tattendi ghall-*Investigation Meeting* fejn setghet tkun akkumpanjata minn kollega jew '*third party*' bil-*proviso* li tali akkumpanjament iservi biss ta'

xhieda. Din ic-*Charge Sheet* kienet iggib il-firma ta' Beatrice Svensson bhala *HR.*

- Nhar l-14 ta' Gunju 2017 inbdiet investigazzjoni li giet kondotta minn Abbey Cosgrave fil-kariga ta' *General Counsel* u minn Helen Baker *HR Manager,* dwar li l-Appellanti kienet baghtet *E-mails* mill-kompjuter tax-xoghol ghal fuq l-*Email* personali taghha. Tali nvestigazzjoni giet konkluza fis-17 ta' Lulju 2017. *Investigation Report* datat 18 ta' Lulju 2017 gie ffirmat mill-istess Cosgrave u Baker.

- Nhar il-25 ta' Lulju 2017 lill-Appellanti nhargitilha *Charge Sheet* ohra u li effettivament wasslet ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha. F'din il-korrispondenza l-Appellanti kienet mgharrfa li jumejn wara (fis-27 ta' Lulju), kellha tattendi din id-darba ghall-*Disciplinary Meeting* fejn ghal darb'ohra ntaql lilha li setghet tkun akkumpanjata minn kollega jew '*third party'* bil-*proviso* li tali akkumpanjament iservi biss ta' xhieda. Din ic- *Charge Sheet* kienet iggib il-firma ta' Taina Mkkonen bhala *Chief HR Officer.*

- Id- *Disciplinary Committee* kien kompost minn Dr. Olga Finkel Direttur u mill-istess *Chief HR Officer* li harget ic-*Charge Sheet* bl-akkuzi fil-konfront tal-Appellanti.

- Ghall-finijiet tad-*Disciplinary Meeting* l-Appellanti thalliet tkun assisstita minn Avukat wara li min-naha taghha kien gie ntavolat Mandat ta' Inibizzjoni.

- Fix-xhieda taghha waqt il-process Dr. Olga Finkel li kienet Membru fid-*Disciplinary Committee* li ddecieda t-terminazzjoni tal-impjieg tal-Appellanti, stqarret li meta waqt id-*Disciplinary Hearing* hija ppruvat tasal ghall-mottivi ghaliex l-Appellanti baghtet l-*Emails* in kwistjoni, hija kkonkludiet li '*it was much less plausible for me to believe she is incompetent and it was much less plausible to beleive that she just did this because **she had some possibly ulterior motives'**.* Pero' waqt dan il-process quddiem dan it-Tribunal, la Dr. Finkel u l-ebda xhud iehor imressaq mis-Socjeta' Ntimata ma tefa' xi hjiel dwar x'setghu kienu dawn il-***possibly ulterior motives*** fl-agir tal-Appellanti meta baghtet l-*E-mails* lilha nnifisha.

Dan it-Tribunal josserva li c-*Charge Sheet* datata 13 ta' Gunju 2017 b'allegazzjoni ta' *Gross Misconduct,* inhareg propju appena l-Appellanti gharrfet lill-*HR* li ghandha l-hsieb li tinizjala *Grievance Procedure,* u di piu' kien inhareg meta l-investigazzjoni fuq rapporti li hija baghtet *Emails* minn fuq il-kompjuter tax-xoghol lilha stess, kienet ghadha l-anqas inbdiet. Tant li din l-investigazzjoni nbdiet l-ghada, u cjoe' fl-14 ta' Gunju 2017.

Dan it-Tribunal josserva wkoll illi Abby Cosgrave, l-persuna li kkonduciet dik l-investigazzjoni flimkien ma' persuna ohra mill-*HR*, hija l-istess persuna li fi Frar 2017, l-Appellanti kienet ilmentat dwarha mall-*HR Manager* Beatrice Svensson, fejn kienet irraportat li Cosgrave kienet qed tezercita bullissmu fil-konfront taghha.

Dan it-Tribunal jirreleva li l-ambjent holistiku tal-impjieg tal-appellanti kien inkwinat bir-relazzjoni xejn felici li kien hemm bejn Abby Cosgrave u l-Appellanti. L-episodji ta' meta fi Frar 2017 l-Appellanti tkellmet mall-*HR Manager* fejn talbitha l-ghajnuna minhabba *bullying* min-naha ta' Cosgrave, l-immaniggjar ta' l-istess Cosgrave fl-*issue* tal-partecipazzjoni tal-Appellanti f'konferenza gewwa Amsterdam, kif ukoll l-argumentazzjoni li nqalghet u kif iddigenerat ruhha nhar it-14 ta' Gunju 2017 meta l-Appellanti sfat sospiza mix-xoghol, certament li jindikaw dan.

Dan it-Tribunal ihoss li kieku min-naha tal-*HR* Svensson, l-ilment tal-Appellanti dwar *bullying* gie ndirizzat kif jimmeritaw cirkostanzi simili, tali relazzjoni lavorattiva ma kinitx tkompli tikkomplika ruhha. Ir-rispons min-naha tal-*HR* Svensson ghal tali lment fejn hija kienet wiegbet lill-Appellanti li ma tantx setghet tghinnha fic-cirkostanzi u li '*…if I didn't agree with my manager, I should probably leave the company*', kien wiehed xejn professjonali u li kwazi kien qed jistieden lill-Appellanti sabiex tirrizenja mill-impjieg.

Il-fatt li Helen Baker *HR Manager* hadet sehem fl-*Investigation Process* u Taina Mkkonen bhala *Chief HR Officer* hadet sehem fid-*Disciplinary Committee*, u cjoe' zewg persuni mill-istess *HR Department*, ghal dan it-Tribunal, jirrispekkja sitwazzjoni fejn allura dan id-Dipartiment anke jekk tramite persuni differenti, nvestiga lill-Appellanti, hargilha l-akkuzi u ggudikaha wkoll.

Fil-fatt Taina Mkkonen li hadet sehem fid-*Disciplinary Committe* li ddecieda favur li l-Appellanti kellha tkun licenzjata, kienet l-istess Taina Mkkonen li harget it-tieni *Charge Sheet* bl-akkuzi fil-konfront tal-Appellanti.

Certament li dan johloq certu xetticizmu f'kull min jemmen fl-imparzjalita' ta' kif ghandhom ikunu kondotti processi ta' dixxiplina. Dan it-Tribunal bhal ma ppronunzja ruhu diversi drabi jishaq li proceduri ta' dixxiplina, b'mod partikolari fejn ikun indikat li tali proceduri jistghu jwasslu ghal terminazzjoni tal-impjieg, f'kull stadju jridu jkunu jirrispekkjaw process gust u hieles minn kull prekundizzjonament tal-mohh. Dan fid-dawl li licenzjament huwa meqjus bhala l-Piena Kapitali fil-qasam tal-gustizzja fuq il-post tax-xoghol.

Anke fuq il-mertu biss tal-fatt li l-Appellanti baghtet lilha nnifisha *E-mails* li kienu fil-kompjuter li kienet tuza hi fuq ix-xoghol ghal fuq *E-mail* personali

taghha, u li l-gie meqjus mill-*Management* bhala *Gross Misconduct*, tali nuqqas certament li ma kienx jimmerita l-ehrex piena, dik li jigi mitmum l-impjieg.

Dan it-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li t-temm tal-impjieg tal-Appellanti kien diga' mfassal minn qabel ma beda jigi trattat id-*Disciplinary Meeting* fit-31 ta' Lulju 2017, u ma giex konvint li d-decizjoni li jintemm l-impjieg tal-Appellant ittiehdet esplicitament minhabba l-fatt li l-Appellanti baghtet lilha nnifisha *E-mails* li kienu fil-kompjuter li kienet tuza hi fuq ix-xoghol ghal fuq *E-mail* personali taghha.

Proceduri ta' dixxiplina m'ghandhom qatt iservu ta' kamuffa ghal decizjoni li diga' tkun kontemplata.

**Decizjoni**

Ta' min jirreleva li t-Tribunal irid jiddeciedi jekk ir-raguni tat-terminazzjoni ta' mpjieg tkunx tajba u sufficcjenti skond il-ligi u wara kollox li tkun tissodisfa l-gustizzja naturali.

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellanti ma kinitx wahda gusta.

Fic-cirkostanzi, dan it-Tribunal jqis is-somma ta' €50,000 bhala kumpens gust, u jordna li tali kumpens ghandu jithallas lill-Appellanti mis-Socjeta' Ntimata, fi zmien erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Dan il-kumpens kien motivat minn konsiderazzjoni xierqa tal-fatt li d-durata tal-impjieg mas-Socjeta' Ntimata kienet ta' tmintax-il xahar, damet bla xoghol ghal diversi xhur, u li hija tippossjedi hiliet u kwalifiki akkademici notevoli li certament jaghmluha mhux difficli li terga' tikseb impjieg b'kundizzjonijiet komparabbli ma' dak li kellha mas-Socjeta' Ntimata.

Dan it-Tribunal ha konjizzjoni wkoll tad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh. Anthony Ellul fosthom Carmel Borg vs MPTSOL deciza nhar 8 ta' Marzu 2019 u Publius Davison vs De La Rue Currency & Security Printing deciza minn l-istess fit-23 t'April 2018 fejn gie stabbilit li: 'Fil-likwidazzjoni tal-kumpens fl-ambitu tal-Art 81(2) KAP 452, it-Tribunal ghandu diskrezzjoni, u fejn din trid tkun proporzjonata jew ragonevoli. Li l-Arbitru tat-Tribunal ghandu jkun wiehed boni viri bazat fuq apprezzament ekwu skond il-mudell tal-bonus pater familias'.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**